MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2012

Numru 612/2000

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca)

vs

Jonathan Grech

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 22481(G) talli fl-14 ta’ Awissu 2000 ghal habta tad-9.00am fuq il-moll ta’ Bugibba:

(a) bil-hsieb li jikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Andrew Schembri, liema ferita kienet tkun maghmulha b’arma regolari, wera’ dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi xejjer mannara fid-direzzjoni ta’ l-istess Andrew Schembri, liema

delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;
(b) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gar arma (mannara) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
(c) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghedded lil Andrew Schembri bil-kliem;
(d) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;
(e) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq il-vettura tal-bahar MV Romantika minghajr ma kellu licenzja u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni.

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija tipprovi ghas-sigurta' ta' Andrew Schembri u sabiex tinzamm il-bon ordni pubblika billi flimkien jew minflokk il-piena applikabbli ghar-reat torbot lil istess Jonathan Grech taht garanzija tieghu nnifsu taht penali ta' flus u ghal zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali permezz tal-liema bghat l-imputat biex jigi ggudikat fin-nuqqas ta' opposizzjoni minnu quddiem din il-Qorti;

Ezaminat ix-xhieda u semmghet lill-imputat u x-xhieda minnu prodotta bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputat irid jirrispondi fost akkuzi ohra ghal dik ta' attentat ta' ferita gravi. Issa, l-fatti li taw lok ghall-akkuzi huma li fil-gurnata u lok indikati fic-citazzjoni l-imputat kien qieghed jimmanuvra d-dghajsa MV Romantika lejn il-moll ta' Bugibba biex jittrakka. Ma' dan il-moll kien hemm gja marbut bastiment iehor li jirrisulta kien ta' kompetitur fl-istess mistier li kien jiggestixxi l-imputat flimkien ma' missieru. Jirrisulta li f'hin minnhom il-persuna li kontra taghha hu allegat li sar l-attentat u li kien qieghed jopponi

li l-imputat jittrakka mal-moll billi skond hu ma kienx hemm spazzju bizzejjed gie fl-litigu ma' missier l-imputat u mbuttah izda fl-idejn ma gewx. Jidher li konsegwentement l-imputat iddendel mad-dghajsa tal-imputat u l-imputat hareg mannara u beda jxxejjer u jhedded biha fid-direzzjoni tal-kwerelant. Intant, bhala fatt jinsab pjenament pruvat li l-imputat fl-ebda hin tal-incident ma niezel fuq il-moll u lanqas li l-kwerelant tela' fuq il-bastiment tal-imputat b'daqstant li, fid-dawl ta' dan u c-cirkostanzi kollha attinenti l-incident, din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-akkuza tal-attentat ma treggix ghalkemm jinsab pruvat li kien hemm da parti tal-imputat t-theddid permezz tal-mannara, offiza kontravenzjonali li di per se ma tirrikjedi ebda intenzjoni. Ghalhekk, hu l-kaz li l-imputat jinstab hati taghha kif ukoll tal-offiza kontravenzjonali tal-ksur tal-paci pubblika. Mill-kumplament treggi l-akkuza tal-garr ta' arma taht il-ligi li kienet tapplika dak iz-zmien, cioe l-Kap 66, izda ma treggix l-ahhar akkuza fuq l-iskorta tax-xhieda tar-rappresenant tal-Awtorita' Marittima.

Inghad dan, ghallhekk, issib l-imputat hati tat-tieni, it-tielet u r-raba imputazzjoni, fil-waqt li tilliberah mill-bqija. Rat l-Artikolu 13 tal-Kap 66, l-Artikolu 338(dd) u 339(a) tal-Kap 9 u tikkundannah komplessivament mitejn euro multa u ammenda skond il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------